

# Il-Captain

**Joseph F. Cachia**

Kien eżatt disa' snin ilu,
Għaliex il-Mulej hekk ried,
Qal, "Il-Captain, nixtieq, lilu,
Hawn, imexxi l-korijiet''.

Mhux żgur qatt baħħar vapuri,
Jew amar lis-suldati,
'ma dejjem ħareġ bl-unuri,
Kull wirja, li kien jagħti.

Kull min kellu x-xorti, bħali,
Imur għandu, għal xi ħin,
Jaf li kien surmast speċjali.
Kien maestro tal-vjolin.

Joħloqlok xi melodija,
Ħelwa iktar minn tal-ġojjin.
Safja, ħelwa, Melliħija
Tibqa' tidwi tul is-snin.

Il-kitarra, il-mandolina,
Kienu 'ġugarell' f'idejh.
Mużika mill-aqwa, fina,
Illi ġġiegħlek tibqa' ħdejh.

Sigħat twal fis-sajf, qattajna,
Qrib il-bandli, nisimgħuh.
Sa tard billejl. Qatt ma xbajna,
Hemm madwaru, nammirawh.





Bosta kienu l-istudenti,
Illi għallem, kbar jew żgħar.
Fihom irfina t-talenti,
Biex daqqew muż'ka aħjar.

Kiteb marċi ferriħija.
Fil-Vitorja ndaqqew,
Miż-żewġ baned Melliħija.
Bihom huma t-tnejn stagħnew.

Sal-Orkestra dderieġa
Bl-aqwa talent tal-lokal.
Fih dejjem ħass il-ħtieġa,
Li jgħallem lill-kbar u t-tfal.

Muż'ka serja kiteb bosta,
Għall-orkestra, u għall-vjolin.
Il-widna tassew tiggosta,
Tisma' tant noti ħelwin.

Dario u l-Kunsill Lokali.
Taħsbux li jkun ġest sabiħ,
Nemmen bosta jaħsbu bħali,
Li tissemma triq għalih?

Buġibba
16/5/2021